MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 785/2001/1

**John u Maria Dolores *sive* Doris konjuġi Agius**

***Versus***

***Data Systems Company Limited***

Din hija kawża magħmula minn garanti kontra d-debitur ewlieni wara li l-garanti ħallas id-dejn għad-debitur.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur John Agius kien daħal garanti *in solidum* mas-soċjetà konvenuta favur *Bank of Valletta p.l.c.* għall-ħlas ta’ kull bilanċ, sa għoxrin elf lira (Lm20,000), li jkun fadal x’jitħallas fuq *overdraft account* li s-soċjetà konvenuta kellha mal-bank. Wara, bla ma kien jaf l-attur, l-*overdraft account* inbidel għal *loan account*.
Billi s-soċjetà konvenuta waqfet tagħmel ħlasijiet lill-bank, dan dar fuq l-attur, fost oħrajn, biex iħallas fuq il-garanzija. Għalhekk, fuq talba tal-bank, l-attur ħallas elfejn seba’ mija u tmienja u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,798.25) taħt il-garanzija. B’dan il-ħlas, l-atturi ġew

surrogati fid-drittijiet tal-kreditur taħt l-artt. 1165 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili.

Billi issa l-atturi għandhom jedd iduru kontra s-soċjetà konvenuta biex jieħdu lura dak li ħallsu għaliha, iżda għalxejn sejħulha biex tħallas, huma fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi din il-qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta troddilhom elfejn seba' mija u tmienja u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,798.25), flimkien ma' l-imgħax mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-atturi ma ġewx surrogati fid-drittijiet tal-kreditur; u
2. bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuta qatt ma kienet imsejħa biex tħallas u għalhekk, f'kull każ, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom iħallsuhom l-atturi.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-attur flimkien ma' oħrajn kien waqqaf is-soċjetà konvenuta bil-ħsieb li jkollu ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) ta' l-ishma, iżda, billi dak iż-żmien kien uffiċjal tal-pulizija, ma setax ikollu ishma f'ismu u dawn l-ishma kien żammhomlu azzjonist ieħor, bil-ħsieb li jgħaddihomlu meta l-attur joħroġ mill-Korp tal-Pulizija. L-attur eventwalment ħareġ mill-Korp tal-Pulizija; kien impjegat mas-soċjetà konvenuta u kien imexxi l-operazzjonijiet tekniċi tagħha iżda, għal xi raġuni, l-ishma li kellhom ikunu tiegħu baqgħu ma darux fuqu. Eventwalment, l-attur telaq l-impjieg tiegħu mal-konvenuta, u l-ishma baqa' ma ħadhom qatt.

Waqt li kien għadu magħha l-attur, is-soċjetà konvenuta kienet isselfet xi flus mill-bank għan-negozju tagħha, u l-azzjonisti personalment, u wkoll l-attur, kienu daħlu garanti għal dan id-dejn. Xi żmien wara li l-attur telaq minn magħha, is-soċjetà konvenuta waqfet tħallas id-dejn lill-bank, u l-bank għalhekk dar fuq il-garanti, fosthom l-attur, biex iħallsu d-dejn taħt il-garanzija.

L-attur u l-garanti l-oħra ftiehmu li jħallsu d-dejn f'ishma ndaqs bejniethom, u d-dejn tħallas. Issa, l-attur fetaħ din il-kawża biex is-soċjetà konvenuta troddlu l-parti tad-dejn li ħallsilha. Is-soċjetà konvenuta ma tridx tħallas għax qiegħda tgħid illi l-attur ħallas mhux bħala garanti iżda għax kellu interess personali fid-dejn.

It-talba ta’ l-atturi hija mibnija fuq l-art. 1942 tal-Kodiċi Ċivili:

**1942.** (1) Il-garanti li jkun ħallas, għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali, sew jekk il-garanzija tkun ingħatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun ingħatat mingħajr dan ma kien jaf.

Il-fatt li l-attur kellu interess fis-soċjetà konvenuta ma jibdilx il-fatt illi l-konvenuta għandha personalità għaliha, u illi r-relazzjoni ta’ bejniethom kienet ta’ debitur ewlieni l-konvenuta u ta’ garanti l-attur. Għalhekk, ladarba l-pożizzjoni legali hi li l-attur ħallas bħala garanti d-dejn tal-konvenuta, mela għandu jedd ta’ regress kontrieha taħt l-art. 1942 tal-Kodiċi Ċivili.

Lanqas ma hu relevanti jekk l-attur kienx surrogat jew le fid-drittijiet tal-bank, għax il-garanti li ħallas għandu jedd għal rigress *iure proprio,* taħt l-art. 1942. Fil-fatt iżda s-surroga saret taħt l-art. 1166(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili:

**1166.** Is-surroga ssir *ipso jure* favur -

(*ċ*) ta’ dak li kien obbligat ma’ oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;

L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda, u s-soċjetà konvenuta għandha trodd lill-attur dak li ħallas bħala garanti għaliha.

It-tieni eċċezzjoni hija dwar l-ispejjeż tal-kawża, u tgħid illi, ladarba l-atturi ma sejħux lill-konvenuta biex tħallas qabel ma fetħu l-kawża, mela l-ispejjeż tal-kawża għandha tħallashom hi.

Din l-eċċezzjoni kien ikollha xi meritu li kieku l-konvenuta ħallset hekk kif kienet notifikata biċ-ċitazzjoni. Il-konvenuta iżda xorta ma ħallsitx għax ikkontestat il-kawża; daqstant ieħor ma kinitx tħallas li kieku kienet imsejħa b’att ġudizzjarju ieħor qabel iċ-ċitazzjoni. Għalhekk in-nuqqas ta’ sejħa għall-ħlas qabel il-kawża ma għamel ebda differenza għall-ħtieġa li ssir kawża, u ma sarux spejjeż żejda minħabba dak in-nuqqas.

It-tieni eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tikkundannaha tħallas lill-atturi elfejn seba’ mija u tmienja u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,798.25) flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------